**Domandi preliminari**

1) Ikun hemm rekwiżit eventwali ieħor mhux marbut mal-konformità, fis-sens tal-punt 14 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li thassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jew fis-sens tal-punt 12 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li thassar id-Direttiva 1999/44/KE [2] meta l-obbligu tal-garanti jkun marbut ma' ċirkustanzi inerenti fil-persuna tal-konsumatur, b'mod partikolari mal-attitudni suġġettiva li huwa għandu fir-rigward tal-oġġett li jkun inbiegħ lilu (f'dan il-każ, is-sodisfazzjon li huwa jħoss fir-rigward ta' dan l-oġġett u li jithalla fid-diskrezzjoni tiegħu), mingħajr ma jkun neċessarju li dawn iċ-ċirkustanzi personali jkunu marbuta mal-istat jew mal-karatteristiċi tal-oġġett mibjugħ?

2) Fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv:

   L-assenza ta' rekwiżiti bbażati fuq ċirkustanzi inerenti fil-persuna tal-konsumatur (f'dan il-każ, is-sodisfazzjon li huwa jħoss fir-rigward tal-oġġetti akkwistati) għandha tiġi stabbilita abbażi ta' ċirkustanzi oġġettivi?

(1) ĠU 2011, L 304, p. 64.
(2) ĠU 2019, L 136, p. 28; rettifiki fil-ĠU 2019, L 305, p. 61 u fil-ĠU 2020, L 86, p. 18.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fl-1 ta' Marzu 2022 – MO vs SM bħala amministratur tal-insolvenza tal-assi ta' G GmbH**

**(Kawża C-134/22)**

(2022/C 222/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesarbeitsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* MO

*Konvenut:* SM bħala amministratur tal-insolvenza tal-assi ta' G GmbH

**Domanda preliminari**

Liema huwa l-għan tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar redundancies kollettivi [1], li jgħid li l-persuna li timpjega għandha tibgħat lill-awtorità pubblika kompetenti kopja mill-inqas tal-elementi tan-notifika bil-miktub lir-rappreżentanti tal-ħaddiema previsti fil-punti (i) sa (v) tal-punt b tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(3)?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 327.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesverwaltungsgericht Niederösterreich (l-Awstrija) fit-3 ta' Marzu 2022 – RE vs Bezirkshauptmannschaft Lilienfeld**

**(Kawża C-155/22)**

(2022/C 222/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landesverwaltungsgericht Niederösterreich